MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 383/2002/1

**Martin Aquilina ezercenti l-kummerc taht l-isem Handkrafts**

**vs**

**Christopher Friggieri**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' April, 2002 u fl-20 ta' Settembru 2002 it-Tribubal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenzi fl-ismijiet premessi:-

**<u>Sentenza tad-29 ta' April 2002</u>**

"It-Tribunal

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta’ Frar 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mja u sbatax il-lira Maltin u sittax il-centezmu,(Lm717.16) dovuta in parti bhala rifuzjoni ta’ paga u ‘allowance’ ghal xoghol li spicca ma hadmux, u in parti bhala ‘leave’ li l-konvenut ha ‘extra’, kif ukoll ta’ gimghatejn ‘notice’ li l-konvenut naqas li jaghti lill-attur fit-tmiem l-impjieg tieghu.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-tal-ittri datati 13 ta’ Mejju 1999, 19 ta’ Mejju 1999, 7 ta’ Mejju 2001, 15 ta’ Mejju 2001 u tal-ittra ufficjali datata 6 ta’ April 2001, u bl-imghaxijiet mid-data ta’ tmiem tal-impjieg, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament dan it-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma’ din it-talba.
2. Illi wkoll in linea preliminari, l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-ammont mhux dovut fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet in kwantu jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ra n-nota ta’ riferenzi prezentata mill-attur.

Ra l-verbal tas-seduta tat-3 ta’ April, 2002, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ta’ inkompetenza sollevata mill-konvenut.

Ikkunsidra:-

1. Illi l-attur qed jitlob il-kundanna ghall-hlas tal-konvenut fis-somma ta’ seba’ mija u sbatax il-lira Maltin u sittax il-centezmu (Lm717.16) dovuta lill-istess attur in parti bhala rifuzjoni ta’ paga u ‘allowance’ imhallsa lill-

konvenut ghal xoghol li spicca ma hadimx u in parti bhala ‘leave’ li l-konvenut ha aktar milli dovut, kif ukoll rifuzjoni ta’ gimghatejn ‘notice’ li l-konvenut naqas li jaghti lill-attur fi tmiem l-impjieg tieghu.

2. Illi l-konvenut qed jeccepixxi l-inkompetenza ‘rationae materiae’ ta’ dan it-Tribunal sabiex jisma’ u jiddetermina l-kaz stante li jirritjeni li l-mertu ta’ din il-kawza huwa ta’ natura kkumplikata.

3. Illi minn ezami tal-avviz tat-talba, jirrizulta li l-ammont mitlub mill-attur huwa ben definit fis-sens li l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni ta’ ammont diga` mhallas minnu lill-konvenut, u m’huwiex qed jitlob per ezempju l-likwidazzjoni ta’ danni. Inoltre, n-natura tal-eccezzjonijiet tal-konvenut bl-ebda mod ma jindika li l-kwistjoni bejn il-partijiet tista’ tinvolvi pendenzi li jesorbitaw il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal.

4. Illi dan it-Tribunal kif presjedut, diga` esprima ruhu dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2) tal-Att V tal-1995[1]. Dan l-Artikolu jipprovdi li “It-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma’ u jaqta’ biss it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont mhux izjed minn Lm1,500. L-attur ghamel riferenza ghal sentenza ta’ dan it-Tribunal kif diversament presjedut tal-10 ta’ Ottubru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet ‘Joseph u Jane Mifsud vs Homeline Limited’ (Avviz numru 615/01), fejn gie stabbilit li l-kriterju li ghandu jintuza sabiex tigi determinata l-kwistjoni ta’ kompetenza huwa l-ammont li qed jintalab mill-attur. “L-uzu tal-kelma ‘<u>kollha</u>’ fit-test tal-ligi qeghda, fil-fehma tat-Tribunal, teskludi li ssir xi distinzjoni f’kazijiet fejn it-talba hija ghall-hlas ta’ somma ta’ flus li ma teccedix l-Lm1500”. Dan ma jfissirx li ma jezistux kazijiet fejn il-ligi espressament tirriserva l-kwistjoni ghall-ezami ta’ Qrati jew Tribunal ohra, izda l-kaz in dizamina ma jidhrix li huwa wiehed minn dawn il-kazijiet. It-talba tal-attur hija, fil-fehma tat-Tribunal, talba ta’ flus ai termini tal-Artikolu 3 (2) hawn fuq citat. Kif diga` intqal aktar il-fuq, in-natura tal-azzjoni attrici kif ukoll in-natura tal-eccezzjonijiet sollevati

[1] John Farrugia vs Vincent Degabriele – 15.2.02 (Avviz Numru 1304/01)
Noel Ambrogio vs Ambrose Limited – 25.2.02 (Avviz Numru 956/01)

mill-konvenut ma jeskludux ‘a priori’ l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi, it-tribunal qed jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawza.”

**<u>Sentenza tal-20 ta’ Settembru 2002</u>**

“It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta’ Frar 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mja u sbatax il-lira Maltin u sittax il-centezmu,(Lm717.16) dovuta in parti bhala rifuzjoni ta’ paga u *allowance* ghal xoghol li spicca ma hadmux, u in parti bhala *leave* li l-konvenut ha *extra*, kif ukoll ta’ gimghatejn *notice* li l-koonvenut naqas li jaghti lill-attur fit-tmiem l-impjieg tieghu.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-tal-ittri datati 13 ta’ Mejju 1999, 19 ta’ Mejju 1999, 7 ta’ Mejju 2001, 15 ta’ Mejju 2001 u tal-ittra ufficjali datata 6 ta’ April 2001 u bl-imghaxijiet mid-data ta’ tmiem tal-impjieg kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

5. Illi preliminirjament dan it-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma’ din it-talba.
6. Illi wkoll in linea preliminari, l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-ammont mhux dovut fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.
8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra s-sentenza preliminari tad-29 ta’ April 2002 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Sema’ x-xhieda tal-attur. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-1 ta' Lulju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-llum.

Ikkunsidra:

Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut ecepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta izda ma ndkax taht liema Artikolu tal-Kap. 16 huwa kien qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni. Huwa principju stabbilit tal-gurisprudenza taghna li meta konvenut jeccpixxi l-preskrizzjoni huwa ghandu jindika l-Artikolu tal-ligi in kwantu jirrigwarda l-preskrizzjomi minnu sollevata. Illi fil-kaz odjern il-konvenut ma ndikax l-Artikolu ,la fir-Risposta tieghu u l-anqas tul l-andament tal-kawza, u ghal din ir-raguni it-tieni eccezzjoni tieghu qed tigi michuda.

Illi l-attur fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Mejju 2002 u tal-5 ta' Gunju 2002 spjega li fil-mument li l-konvenut ittermina l-impjieg tieghu mal-istess attur kien ghadu dovut l-ammont li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna, huwa spjega fid-dettal ghall-liema ragunijiet kien dovut dan l-ammont u esibixxa d-dokumenti relattivi (a fol. 16 sa 19 u a fol. 24 sa 34).

Illi fil-mertu l-konvenut eccepixxa li l-ammont mitlub mill-attur m'huwiex dovut fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza izda fil-fatt huwa naqas milli jressaq provi jew jaghmel sottomissjonijiet sabiex jissostanzja din l-eccezzjoni.

Illi t-talbiet attrici jirrizultaw soddisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mja u sbatax il-lira Maltin u sittax il-centezmu,(Lm717.16) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' April 2001, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi."

Il-konvenut appella miz-zewg sentenzi tat-Tribunal bl-aggravji infraskritti:-

1. It-Tribunal kien inkompetenti li jitratta l-meritu tal-kaz. Huwa jibbaza dan l-assunt tieghu fuq il-fatt li l-meritu tal-kaz kien ta' natura kumplikata. F'dan il-kuntest huwa jirreferi ghad-decizjoni ta' din il-Qorti, diversament presjeduta tal-15 ta' Ottubru 1998 fil-kawza "Martin Aquilina proprio et nomine –vs- Moira Chircop";
2. It-Tribunal ma kienx korrett meta skarta l-eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni ghax naqas li jiccita l-artikolu specifiku tal-ligi. Huwa jissottometti illi l-ebda disposizzjoni tal-ligi ma tirrikjedi dan u inoltre gjaladarba eccezzjoni bhal din tista' titqajjem f'kull stadju, ergo ma tezistiex in-necessita` illi jigi indikat l-artikolu rilevanti tal-preskrizzjoni li jghodd. Jghid ukoll, dejjem fil-parametri ta' dan l-aggravju, illi t-Tribunal ma kellux japplika l-istess normi procedurali li jghoddu ghal kazijiet quddiem qrati ordinarji ohra.
3. Huwa jilmenta, imbaghad, illi t-Tribunal ma tah l-ebda opportunita` biex iressaq il-provi tieghu. Jirrimprovera lit-Tribunal talli; wara s-sentenza riferibbli ghall-gurisdizzjoni, huwa ddifferixxa l-kawza ghall-provi ta' l-attur fil-meritu u mhux ghall-provi u trattazzjoni dwar it-tieni eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni.

Huwa jelenka sensiela ta' cirkostanzi biex donnu juri li hu ma kienx negligenti u li n-nuqqasijiet kienu kollha gejjin minn naha tat-Tribunal li vvjolalu d-dritt tal-'audi alteram partem'.

Il-Qorti tistqarr mill-ewwel, a skans ta' ekwivoci, illi kieku ma kienx ghall-fatt ta' l-ewwel aggravju li tqiesu l-uniku wiehed li jimmerita konsiderazzjoni ma kien ikollha l-ebda esitazzjoni illi timponi fuq il-konvenuti is-sanzjoni tad-'doppio spese' billi l-aggravji l-ohra anke ghal certi kummenti li jinghad fihom, tqishom ghal kollox fierghha u nsostenibbli.

Is-subinciz (2) ghall-Artikolu 3 tal-Kap 380 jenunzja l-principju 'ratione materiae' illi 't-Tribunal ghal Talbiet

Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux anqas minn elf u hames mitt lira Maltija". Ghal dik li hi mbaghad il-kompetenza 'ratione valoris' din hi definita u spjegata fis-subinciz (3) tal-precitat artikolu.

L-attur appellat qieghed jitlob rifuzjoni ta' ammont determinat; ahjar spjegat minnu fil-kors tal-gbir tal-provi mid-dokument esebit a fol 19 u mid-deposizzjoni tieghu a fol 42.

L-ammont reklamat fit-totalita` tieghu (Lm717.16,0) ma jesorbitax certament mill-kompetenza tat-Tribunal adit. Taht dan l-aspett allura l-gurisdizzjoni tat-Tribunal hi ben radikata u t-Tribunal kellu kompetenza jindaga dwar din il-materja.

Kwantu ghall-aspett partikolari sollevat mill-appellanti dwar li l-meritu kien johrog mill-kompetenza tat-Tribunal ghax kellu jigi konsiderat ta' natura kumplikata l-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tirreferi ghall-istess konsiderazzjonijiet u ghall-istess motivazzjonijiet delinejati fl-appell fl-ismijiet "**Publius Micallef –vs- Sunroute Company Ltd**", deciza wkoll illum, u ghalhekk dawn ghandhom jitqiesu parti ntegrali minn din is-sentenza. Bhal f'dak il-kaz dan l-istess aggravju ma jistghax jigi akkolt.

Dan premess, il-Qorti ma tarax kif ghandha tikkonsidra bid-dovuta serjeta` t-tieni aggravju meta dan hu manifestament kuntrarju ghall-principji regolatrici in materja ta' preskrizzjoni. Principji li jghoddu dejjem indipendentement minn natura u l-grad tat-tribunal jew qorti adita. L-Att V ta' l-1995 mkien ma jghid illi n-normi tal-Kodici Civili li jghoddu ghall-istitut tal-preskrizzjoni ghandhom jigu regolati diversament fil-kazijiet trattati quddiem it-Tribunal minn dawk quddiem qrati ohra. L-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili huwa ghalhekk imperanti anke f'dan il-kaz u t-Tribunal ghamel sewwa illi ma kkonsidrax l-eccezzjoni gjaladarba din ma kenitx specifikata. Kif pacifikament akkolt f'bosta decizjonijiet "il-Qorti ma tistax 'ex officio' taghti effetti ghall-preskrizzjoni

jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata - artikolu 2111 tal-Kodici Civili - u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha" (**Vol XXXIII pI p481**; **Vol XXIV pI p410**; **Vol XL pI p170**; "**Francis Bugeja nomine –vs-Indria Mercieca**", Appell, 29 ta' Mejju 2000.

F'dan l-istadju l-appellant jinvoka d-dispost ta' l-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili, pero` imbaghad jonqos li joffri spjegazzjoni il-ghala jidhirlu li ghall-kaz dan ghandu japplika. Issa apparti l-konsiderazzjoni tal-kwistjoni tal-interruzzjoni in vista tal-ittra ufficjali tas-6 ta' April 2001 (fol 37), bi bran misluf mid-decizjoni a **Vol XXV pII p638**, "nella fattispecie pero` tale eccezzione non si sostiene siccome nel caso l'attore non agisca in ripetizione di indebito ne gli elementi di fatto che hanno dato causa al giudizio presente si prestano a dare giuridica consistenza ad un azione di ripetizione di indebito". Fil-kaz prezenti dan johrog bil-wisq car mix-xiehda tal-attur (fol 42) fl-ispjegazzjoni minnu fornita dwar x'hiex qed jirreklama l-hlas.

Anke allura dan l-aggravju qed jigi respint.

Hekk ukoll qed jigi michud it-tielet u l-ahhar aggravju. Dan ghas-semplici raguni illi jekk l-appellant ma gharafx isegwi sew l-andament tal-kawza hu l-kaz ta' 'imputet sibi' u ma jistax allura jlum lit-Tribunal izda lilu nnifsu. Mill-verbal tal-5 ta' Gunju 2002 jirrizulta li wara li xehed l-attur l-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut u trattazzjoni finali ghall-1 ta' Lulju 2002. F'din l-ahhar udjenza l-konvenut ma deherx u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-19 ta' Lulju 2002. Minn hemm il-kawza giet differita ghall-20 ta' Settembru, 2002, data li fiha giet finalment deciza.

Il-Qorti tosserva illi ghajr ghar-risposta tieghu l-konvenut rarament deher fil-kors tal-procediment, ad eccezzjoni tal-udjenza tal-15 ta' Marzu 2002. Lanqas ma jirrizulta illi sar xi rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Jigi rilevat illi l-ligi tipprovdi ghall-proceduri spediti quddiem it-Tribunal bil-minimu ta' informalita` tar-regoli procedurali. Dan kif espressament provvdut fl-Artikolu 9 (2)(a) u (b). Naturalment iridu jitharsu l-principji tal-gustizzja naturali u fondamentali tas-smiegh xieraq kif sanciti fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja.

Dan ma jfisserx pero` illi ghandha ghal din ir-raguni tigi mharsa u premjata n-non kuranza tal-parti. "Il-principju tal-audi alteram partem ma jimportax illi f'gudizzju huwa mprexxindibilment necessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut effettivament jinstemghu imma biss illi tinghata lilu d-debita <u>opportunita</u>` li huwa jipproducihom. Kieku kien diversament u cjoe` kieku ma setghetx taht l-ebda cirkostanzi tinghata sentenza hlief wara s-smiegh tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista' jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni tal-kawza billi jibqa' passiv jew jipprokrastina indefinittivament" ("**Joseph Falzon –vs- Anthony Debono nomine**", Appell Kummercjali, 13 ta' Jannar 1975). Tali opportunita` giet akkordata lill-konvenut f'dan il-kaz izda ciononostante huwa baqa' ma ottemperax ruhu maghha.

Dan stabbilit din il-Qorti ma tirravizax fil-mod kif gew kondotti l-proceduri quddiem it-Tribunal xi irritwalita` jew ksur tal-principju 'audi alteram partem'. Ta' l-istess fehma kienet id-decizjoni ta' din il-Qorti minn sentenza tat-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Galea –vs- Sandra Vassallo**", 26 ta' Jannar 2001.

Ghal dawn il-motivi ssib li l-appell interpost ma huwiex gustifikat u ghandu jigi respint. Is-sentenza ghalhekk ghandha tigi konfermata billi t-Tribunal kien korrett meta ddecieda adezivament ghall-istanza tal-attur bl-ispejjez ghall-konvenut. L-ispejjez tal-prezenti appell ghandu jbatihom ukoll il-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------